Kunsill Lokali Ħal Balzan

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Balzan

# ID-DISA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 25

Data tal-laqgħa: 14 ta' Diċembru 2020

Il-Kunsill Lokali Ħal Balzan iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 7/9, Triq Dun Spir Sammut, Ħal Balzan, fl-4.00 ta' filgħaxija.

### PREŻENTI:

Nutar Ian Spiteri – Sindku
Dr Angelo Micallef – Viċi Sindku
Stephen Gatt – Kunsillier
Mary Louise Briffa – Kunsillier
Dr Oliver Nicholas De Gaetano – Kunsillier

### ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Ma kien hemm ebda membru assenti b'apoloġija.

### ASSENTI:

Ma kien hemm ebda membru assenti.

### UFFIĊJAL PREŻENTI:

Doriette Farrugia – Segretarju Eżekuttiv (SE)

## Minuti

Is-Sindku, in-Nutar Ian Spiteri ippresjeda l-laqgħa.

## 25.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija

25.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

## 25.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

25.2.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdu l-Minuti ta' Laqgħa Nru. 24. Kopja tal-minuti ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

25.2.2 Is-Sindku staqsa jekk hemmx xi korrezzjoni tal-minuti. Fuq proposta tal-Viċi Sindku Dr Angelo Micallef, li kien issekondat mill-Kunsillier Mary Louise Briffa, il-minuti ġew approvati unanimament.

## 25.3 Punti li joħorġu mill-Minuti

25.3.1 Para 24.3.3- Għassa tal-pulizija
Din il-kwistjoni ser tiġi diskussa fil-laqgħa li jmiss.

25.3.2 Para 24.7 – Jum Ħal Balzan 2020
Ġie kkonfermat il-programm għal Jum Ħal Balzan, li se jiġi ċċelebrat nhar il-Ħadd, 20 ta' Diċembru 2020.

## 25.4 Komunikazzjoni mis-Sindku

25.4.1 *Trimming* fi Triq l-Imdina
Is-Sindku talab li jsir it-*trimming* tal-*oleander* li hemm fejn tħawlu s-siġar fi Triq l-Imdina. Is-SE qalet li l-ELC diġà ġew infurmati u ser terġa' tibgħatilhom *reminder*.

25.4.2 Wirja tal-arti
Il-Sindku nfurma li avviċinatu persuna li tixtieq tagħmel wirja fil-lokalità bil-parteċipazzjoni ta' artisti Balzanin u qed titlob l-għajnuna tal-Kunsill. Il-Kunsill iddiskuta u ma jsibx oġġezzjoni. Id-dettalji jiġu diskussi aktar 'il quddiem.

## 25.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

25.5.1 Ma kienx hemm mistoqsijiet tal-Kunsilliera.

## 25.6 Rapporti

25.6.1.1 Rapport ta' Ħidma
Il-Viċi Sindku qal li minħabba l-COVID-19, l-*E-Newsletter* (li kellha tinkludi fiha r-Rapport ta' Ħidma 2019), ma ħarġitx. Qed jiġi ppjanat li toħroġ waħda għal bidu ta' sena d-dieħla u ser tinkludi fiha r-Rapporti ta' Ħidma tal-2019 u l-2020.

25.6.1.2 Min jixtieq kopja tan-*newsletter* għandu jabbona mal-Kunsill, biex jirċievi kopja elettronika jew kopja stampata (b*lack & white)* għal min m'għandhux aċċess elettroniku.

25.6.2.1 Estimi Finanzjarji *Draft* għas-sena 2021
L-Estimi Finanzjarji *Draft* għas-sena 2021 tqiegħed fuq il-mejda tal-Kunsill. Kopja ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

25.6.2.2 Is-SE spjegat xi affarijiet lill-Kunsilliera fosthom li l-Allokazzjoni ma tkoprix ċertu spejjeż. Is-Sindku, għal sena oħra, wera l-preokkupazzjoni tiegħu dwar dan, b'mod partikolari għall-ispejjeż Amministrattivi, fejn l-Allokazzjoni ta' din il-kategorija jintefaq kważi kollu għas-salarji tal-impjegati u l-*allowances* tal-Kunsilliera.

25.6.2.3 Fuq proposta tal-Viċi Sindku Dott. Angelo Micallef, li kien issekondat mill-Kunsillier Mary Louise Briffa, l-Estimi Finanzjarji Draft għas-sena 2021 ġie approvat unanimament. Is-SE ser tippreżenta kopja fil-*format* formali skont ir-regolamenti fil-laqgħa li jmiss.

## 25.7 Skemi Finanzjarji maħruġa mill-Kunsill Reġjonali Ċentru

25.7.1 <u>Skema Finanzjarja Numru 8/2020 – Għajnuna għall-għaqdiet fil-lokalitajiet fi ħdan il-Kunsill Reġjonal Ċentru</u>
Is-SE infurmat li biex jibbenifikaw minn din l-iskema l-għaqdiet iridu jkunu VOs reġistrati u jrid ikollhom l-*accounts in order*. Ser ninfurmaw lill-VOs li l-frott tal-operat tagħhom jitgawda mill-lokalità (Każini tal-Banda u tal-Futbol) b'din l-iskema u jinfurmawna bl-interess tagħhom sal-laqgħa li jmiss. Din l-iskema ser tiġi diskussa fil-laqgħa li jmiss.

25.7.2.1 <u>Skema Finanzjarja Numru 9/2020 – Għajnuna waqt *COVID-19*</u>
Ġiet innutata skema finanzjarja numru 9/2020, fejn il-Kunsill Reġjonali Ċentru ser ikun qed jirrifondi lura sa massimu ta' €5,000 għax-xiri ta' maskri biex jingħataw lir-residenti.

25.7.2.2 Is-SE qiegħdet fuq il-mejda tal-Kunsill 4 kwotazzjonijiet. Minħabba kunflitt ta' interess dirett f'wieħed mill-fornituri, il-Kunsillier Stephen Gatt ħareġ mill-kamra u assenta ruħhu mid-diskussjoni u mid-deċiżjoni.

25.7.2.3 Il-Kunsill approva l-irħas kwotazzjoni ta' V J Salomone u qabel li japplika għal din l-iskema. Fix-xhur li ġejjin ser ikun qed jitqassam pakkett maskri f'kull residenza. Ser titwaħħal *sticker 'With Compliments'* bl-emblemi tal-Kunsill u Reġjun, fuq kull pakkett.

25.7.3 <u>Skema Finanzjarja Numru 10/2020 – Proġett fil-Komunità</u>
Ġiet innutata skema finanzjarja numru 10/2020, fejn il-Kunsill Reġjonali Ċentru ser ikun qed jirrifondi lura sa massimu ta' €3,000 biex isir proġett fil-lokalità. Il-Kunsill jista' japplika sal-31 ta' Marzu 2021. Din l-iskema ser tiġi diskussa fil-laqgħa li jmiss.

25.7.4 Fuq nota differenti, is-Sindku infurma li residenta ssuġġeriet li jsir *green wall* mal-ħajt tal-Kunvent f'Wesgħa Profs. Aquilina. Is-Sindku qal li l-Kunsill kien diġà ppropona li jsiru xi *creepers / mural* ma' dak il-ħajt, però il-Kunvent oġġezzjoni minħabba s-sigurtà tar-residenti. Il-Kunsill qabel li nerġgħu niktbu lill-Kunvent għall-approvazzjoni biex isiru xi *creepers* mal-ħajt.

## 25.8 Tisbiħ tal-*Playing field*

25.8.1 Is-SE infurmat li għadha qed tistenna l-kwotazzjoni (animazzjoni 3D tal-proġett) mingħand il-Perit.

## 25.9 Proġett ta' *embellishment* fi Triq il-Qarċilla

25.9.1 Is-SE infurmat li għadha qed tistenna risposta mingħand il-Perit dwar ir-rimarki msemmija fil-petizzjoni.

## 25.10 Buontempo Estates

25.10.1 Ġiet innutata r-risposta tal-Inġ. Azzopardi fejn qed jgħid li t-triq hija skemata mill-PA u għalhekk m'hemmx għalfejn tiġi ppubblikata dikjarazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern.

25.10.2 Is-SE qalet li resident infurma li fl-2017, fir-riċerki li saru min-nutar tiegħu meta kien ser jixtri d-dar, it-triq kienet tidher li hija pubblika. Apparti minn hekk, PA infurmawna lit-triq ilha skedata mill-1989.

25.10.3 Ir-residenti qed jilmentaw għal fatt li issa anke qed jidħlu l-uffiċjali tal-komunità jħarrku u qed jgħidu li l-fatt li l-Gvern għamel it-triq, legalment ma tfisser xejn u għandha tibqa' titqies bħala privata.

25.10.4 Kien hemm diskussjoni u l-Kunsill ser joqgħod fuq ir-risposta li ngħata minn IM, lit-triq hija pubblika. Il-Kunsill irrimarka li din ma kinitx deċiżjoni tiegħu u l-mument li IM għamel ir-*road markings,* it-triq ġiet pubblika.

25.10.5 Ser jiġi ċċekkjat jekk sarux ir-*road markings* kollha inkluż il-linji s-sofor. Il-Kunsilliera kollha, minbarra Stephen Gatt, qablu li jekk ir-road markings saru kollha, jitneħħew it-tabelli *'No Entry except for residents and service vehicles'*.

## 25.11 Ilmenti u *Items* oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill

25.11.1 Nominazzjoni ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv
Il-Kunsill unanimament approva li jinnomina lis-Sur Mark Mallia bħala Deputat Segretarju Eżekuttiv.

25.11.2 Akkumulu ta' *leave* għas-sena 2021
Is-SE infurmat lill-Kunsill li l-Uffiċjal Eżekuttiv qed titlob sabiex takkumula 36.25 siegħa, filwaqt li l-iSkrivana qed titlob sabiex takkumula 46.4 siegħa, mill-*leave* tal-2020 ma' tas-sena d-dieħla. Il-Kunsill approva unanimament.

25.11.3 Ċirkulari SPI/SCI/07/2020 – Espressjoni ta' Interess – *Smart Solutions* għall-Immaniġġjar tal-Iskart
Ġiet innutata Ċirkulari SPI/SCI/07/2020 mibgħuta mid-DGL. Il-Kunsilliera huma mħeġġa sabiex iressqu s-suġġerimenti tagħhom sal-laqgħa li jmiss biex din iċ-Ċirkulari tiġi diskussa fid-dettal.

25.11.4 Skema ta' *neutering* għal qtates tat-triq
Ġiet innutata skema ta' *neutering* maħruġa mill-Ministeru għall-Agrikoltura, is-Sajd, l-Ikel u d-Drittijiet tal-Annimali. Il-Kunsill unanimament qabel li japplika.

25.11.5.1 *Wifi Internet Hotspots*
Is-SE infurmat li biex immexxu l-*Wifi* ta' Wied Ħal Balzan għal Triq il-Kbira (bankina quddiem Smugglers) hemm spiża ta' €425 (VAT eskluż).

25.11.5.2 Il-Kunsill iddiskuta u fid-dawl tal-fatt li issa hemm applikazzjoni ta' żvilupp għal *cafetteria/pizzeria*, il-Kunsill m'approvax li mmexxu l-*Wifi*. Apparti li l-ispiża hija għalja.

25.11.6.1 Talba għal *barrier* fi Triq Birbal
Is-SE infurmat li sid il-ħanut fi Triq Birbal ( ftit 'l isfel minn Triq San Franġisk) qed toġġezzjona għad-deċiżjoni tal-Kunsill u qed tinsisti li ssir *barrier* quddiem il-ħanut biex vetturi ma jibqgħux jitilgħu fuq il-bankina, għall-fatt li l-Kunsill installa *barriers* fuq bankini fi Triq il-Kbira li huma idjaq mill-bankina ta' quddiem il-ħanut tagħha.

25.11.6.2 Il-Kunsill qabel li niktbu lill-TM u jekk japprovaw, il-*barrier* issir min-naħa tagħhom peress lit-triq hija arterjali.

25.11.7.1 Plakka tal-*Heritage Trail* – Palazzo San Antonio
Is-SE infurmat lir-resident qed jitlob spjegazzjoni għaliex il-Kunsill għandu bżonn ir-riċerki li se jsiru minnhom, speċjalment fid-dawl li dawn ser isiru għas-spejjeż tagħhom.

25.11.7.2 Il-Kunsill qed jitlob li r-resident għandu jipprovdi dikjarazzjoni uffiċjali minn xi ħadd professjonist, fejn jikkonferma bi spjegazzjoni dettaljata ta' kif waslet għal din il-konklużjoni.

## 25.12 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

25.12.1 Is-SE ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti nru. 12/20, li tinkludi l-ammont ta' €117.65c bħala *Petty Cash* għax-xahar ta' Novembru 2020.

25.12.2 L-iskeda ta' pagamenti kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Viċi Sindku Dr Angelo Micallef, li kien issekondat mill-Kunsillier Dr Oliver Nicholas De Gaetano. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet.

## 25.13 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

25.13.1 Il-laqgħa ntemmet fis-5.45pm.

25.13.2 Il-laqgħa li jmiss se ssir nhar il-Ħamis, 28 ta' Jannar 2021 fl-4.00pm.

Konfermati, illum il-Ħamis, 28 ta' Jannar 2021.

IFFIRMATA

Nutar Ian Spiteri
Sindku

IFFIRMATA

Doriette Farrugia
Segretarju Eżekuttiv